LIFELONG
LEARNING

LEARN WITH US!

# PROSPECTUS

2026/27

## COURSES FOR 15+

edukazzjoni

SERVIZZ.GOV
153 (ext.14)

LIFELONG
LEARNING

lifelonglearning.gov.mt

# Werrej


Messaġġ mill-Ministru 4

Messaġġ mis-Segretarju Permanenti 6

Messaġġ mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità 8

Servizz ta' Gwida u Appoġġ 10

EPALE f'Malta - Għaliex hija importanti għalik bħala student 12

Tagħrif Ġenerali 14
Il-Proċedura tal-Applikazzjoni 15
Drittijiet tar-Reġistrazzjoni 16
Ħlas tal-Korsijiet 17
Il-Kalendarju 19
Struttura tal-Korsijiet, Assessjar u Linji Gwida għall-Parteċipazzjoni 20
Regoli u Proċeduri 23
Kuntatt u Ċentri Għat-Tagħlim tal-Adulti 24

Lista tas-Suġġetti 40

Negozju, Xjenza u Teknoloġija 42

Arti Kreattiva 52

Studji Umanistiċi u Żvilupp Personali 72

Lingwi 82

Self-Paced Courses 102

# Contents


Message from the Minister **5**

Message from the Permanent Secretary **7**

Message from the Directorate for Lifelong Learning and Employability **9**

Guidance and Support Service **11**

EPALE in Malta - Why it matters to you as an adult learner **13**

General Information **26**
Application Procedure 27
Registration Rights 28
Course Fees 29
Calendar 31
Course Structure, Assesment and Particpation Guidelines 32
Rules and Procedures 35
Contact and Adult Learning Centres 36

List of Subjects **40**

Business, Science and Technology **42**

Creative Arts **52**

Humanities and Personal Development **72**

Languages **82**

Self-Paced Courses **102**



# Messaġġ mill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Nemmen li l-edukazzjoni hija l-pedament ta' soċjetà b'saħħitha, inklużiva u mibnija fuq l-opportunitajiet. Hekk kif bdejt naqdi r-responsabbiltà tiegħi bħala Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, qed inġedded l-impenn tiegħi sabiex inkomplu nsaħħu sistema edukattiva li tagħti lil kull persuna l-għarfien, il-ħiliet u l-opportunitajiet meħtieġa biex tikber, tirnexxi u tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha. F' dinja li qed tinbidel il-ħin kollhu, huwa ta' sodisfazzjon għalija li nippreżenta dan il-Prospett tal-Korsijiet offruti mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà għas-sena akkademika 2026/27. Din il-firxa ta' korsijiet ġiet imfassla b'attenzjoni sabiex tħeġġeġ it-tagħlim kontinwu f'kull fażi tal-ħajja adulta.

Filwaqt li nkomplu nibnu fuq din il-viżjoni, nibqgħu impenjati li nsaħħu l-pedamenti stabbiliti mill-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023–2030. Immexxija minn din l-istrateġija, se nkomplu nrawmu kultura ta' tagħlim tul il-ħajja li tagħti lill-individwi l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal ċittadinanza attiva, sodisfazzjon personali u impjegabbiltà. Fl-istess ħin, nibqgħu ffukati fuq it-tisħiħ ta' sistema li hija inklużiva, flessibbli u aċċessibbli għal kulħadd, b'mod partikolari għal dawk li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni.

Matul l-ewwel ġimgħat tiegħi f'dan il-Ministeru, kelli l-opportunità napprezza aktar il-kontribut importanti li jagħti d-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà. Il-ħidma tad-Direttorat fil-komunità kompliet tikber u tadatta maż-żmien sabiex tiżgura li l-korsijiet offruti jibqgħu rilevanti, innovattivi u allinjati mal-ħtiġijiet ta' soċjetà li qed tevolvi kontinwament. Dan jirrifletti impenn ċar biex jibqa' jwieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu kemm tal-parteċipanti kif ukoll tas-soċjetà.

L-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja qatt ma kienet akbar. Kemm jekk l-għan tiegħek huwa li ssaħħaħ il-ħiliet professjonali tiegħek, tiskopri interessi ġodda jew terġa' tqajjem kurżità li ilek iġġorr miegħek, dan il-prospett huwa mfassal biex jilqa' għall-ħtiġijiet individwali tiegħek. Il-korsijiet tagħna huma żviluppati b'għarfien ċar li t-tagħlim huwa vjaġġ personali, u għalhekk nibqgħu impenjati li noffru opportunitajiet li jkunu kemm inklużivi kif ukoll ta' sodisfazzjon. Nistidinkom tħaddnu din il-mixja ta' tagħlim tul il-ħajja – esperjenza li tiftaħ opportunitajiet ġodda għal kull min jaspira li jikber, jiżviluppa u jkompli jtejjeb lilu nnifsu.

**Onor. Byron Camilleri**
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

# Message from the Minister for Education and Sport

Taking on this role as Minister for Education and Sport, I am guided by a firm belief that education must evolve in a way that it empowers every learner with the skills, support, and opportunities needed to thrive in a rapidly changing world. It is therefore with great pleasure that we present this Prospectus of Courses being offered by the Directorate for Lifelong Learning and Employability in learning year 2026/27. This portfolio of courses has been carefully created with the aim to encourage continuous growth at every stage of adult life.

In building on this vision, we are committed to continuing the strong foundations laid by the National Strategy for Lifelong Learning 2023–2030. Guided by this strategy, we will continue to foster a culture of lifelong learning that empowers individuals with the knowledge, skills, and competences needed for active citizenship, personal fulfilment, and employability. At the same time, we will remain focused on strengthening a system that is inclusive, flexible, and accessible to all, particularly those most at risk of exclusion.

While preparing this message, I came to better understand and appreciate the valuable contribution of the Directorate for Lifelong Learning and Employability. Its work within the community has grown and adapted over time, ensuring that the courses on offer remain relevant, forward-looking, and aligned with the demands of today's evolving society. This evolution reflects a strong commitment to meeting the changing needs of learners and society. The value of lifelong learning cannot be emphasised enough. Whether your goal is to strengthen your professional abilities, discover new interests, or rekindle a long-held curiosity, our wide-ranging and well-structured prospectus is designed to suit your individual needs. Our courses are developed with the recognition that learning is a personal journey, and we are dedicated to offering opportunities that are both inclusive and rewarding.

I invite you to embrace this journey of lifelong learning—an enriching experience for all who aspire to grow and continually improve themselves.

**Hon. Byron Camilleri**
Minister for Education and Sport



# Messaġġ mis-Segretarju Permanenti

L-edukazzjoni qatt ma kellha potenzjal ikbar biex tiftaħ il-bibien, tqanqal il-kreattività u tbiddel il-ħajjiet daqs illum. Kemm jekk tixtieq terġa' tiskopri xi passjoni, tibni ħiliet ġodda, jew tieħu l-pass li jmiss fil-karriera tiegħek, dan il-prospett jistiednek tesplora opportunitajiet ġodda.

Il-Ministeru tagħna huwa impenjat li jipprovdi tagħlim inklużiv u ta' kwalità għolja għal kulħadd. L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023-2030, f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030, tiffoka fuq tliet prijoritajiet ewlenin: id-diversifikazzjoni tal-mogħdijiet ta' aċċess, il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet u l-iżgurar tal-kwalità. Parti integrali ta' din il-ħidma hija t-tisħiħ tal-ħiliet essenzjali bħall-Ingliż, il-Malti, il-litteriżmu diġitali u l-litteriżmu finanzjarju, dan filwaqt li jiġu offruti korsijiet ibbażati fil-komunità li jilħqu lin-nies fil-lokalitajiet tagħhom.

Qed ninvestu wkoll fi gwida ppersonalizzata sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u jsegwu mogħdijiet li jgħinuhom jilħqu l-għanijiet tagħhom. Dawn l-isforzi jappoġġjaw il-miri nazzjonali ta' Malta, inkluż it-tnaqqis tal-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar, iż-żieda fl-impjiegi fost l-adulti u t-tkabbir tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tal-adulti. Fl-istess waqt jirriflettu wkoll l-impenn komuni tagħna lejn Għan 4 tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDG4) tal-UNESCO: edukazzjoni ta' kwalità u tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

Hekk kif tifli dan il-prospett, se tara l-impatt reali tat-tagħlim permezz ta' edukaturi li jgħallmu b'passjoni, studenti li jiskopru kapaċitajiet ġodda u individwi li jieħdu passi kuraġġużi lejn bidu ġdid. Dawn il-paġni jirrappreżentaw aktar minn korsijiet; juru mumenti ta' kurżità, tisħiħ u trasformazzjoni.

B'aktar minn 400 kors u aktar minn 8,000 applikant fis-sena li għaddiet, nistiednuk tingħaqad magħna. Kun ispirat, fittex opportunitajiet ġodda u ħu l-pass li jmiss fil-vjaġġ tat-tagħlim tiegħek. Huwa hawnhekk fejn se tikber fil-kunfidenza, tifforma u tiżviluppa l-ambizzjonijiet tiegħek, u tibni futur aħjar.

**Is-Sur Matthew Vella**
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport

# Message from the Permanent Secretary

Education has never held more potential to open doors, spark creativity, and change lives. Whether you want to rediscover a passion, build new skills, or take the next step in your career, this prospectus invites you to explore new possibilities.

Our Ministry is committed to providing inclusive, high-quality learning for everyone. The National Lifelong Learning Strategy 2023–2030, aligned with the National Education Strategy 2024–2030, focuses on three priorities: widening access, creating more opportunities, and ensuring quality. A key part of this work is strengthening essential skills, such as English, Maltese, digital literacy, and financial literacy, while offering flexible, community-based courses that meet people where they are.

We are also investing in personalised guidance so that every learner can make informed choices and follow pathways that match their goals. These efforts support Malta's national targets, including reducing the number of people at risk of poverty, increasing adult employment, and raising participation in adult education. They also reflect our shared commitment to UNESCO's Sustainable Development Goal 4: quality education and lifelong learning for all.

As you browse this prospectus, you'll see the real impact of learning through educators teaching with passion, learners discovering new strengths, and individuals taking brave steps toward new beginnings. These pages represent more than courses; they capture moments of curiosity, growth, and transformation.

With over 400 courses and more than 8,000 applicants last year, we invite you to join in. Be inspired, explore new opportunities, and take the next step in your learning journey. This is where confidence grows, ambition takes shape, and new futures begin.

**Mr Matthew Vella**
Permanent Secretary
Ministry for Education and Sport

# Messaġġ mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità

Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità jifforma parti mid-Dipartiment għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni.  L-irwol primarju tad-Direttorat hu li joħloq opportuntajiet ta' tagħlim madwar Malta u Għawdex għall-adulti li għandhom 15-il sena jew aktar. Dan isir billi jappoġġja l-iżvilupp personali, l-impjegabilità u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Id-Direttorat irawwem viżjoni ta' soċjetà fejn it-tagħlim tul il-ħajja jkun aċċessibbli għal kulħadd u jgħin lill-individwi biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, isibu opportunitajiet ġodda u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom f'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla.

Il-fehma ewlenija tad-Direttorat hi li t-tagħlim għandu jkun vjaġġ kontinwu u inklużiv li jmur lil hinn mill-edukazzjoni formali. Diversi mogħdijiet ta' tagħlim u esperjenzi tal-ħajja li jippromwovu l-aċċessibilità, il-flessibilità u l-ekwità huma rikonoxxuti. Id-Direttorat jiżgura li t-tagħlim jibqa' relevanti u sinifikanti u li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-individwi billi jindirizza kemm aspirazzjonijiet individwali kif ukoll il-ħtiġijiet usa' tas-soċjetà.

L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tibqa' gwida kontinwa fil-ħidma tad-Direttorat. F'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024-2030, id-Direttorat għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti, partikolarment fost adulti b'livell bażiku ta' ħiliet u kwalifiki. L-istrateġija tenfasizza d-diversifikazzjoni tal-mogħdijiet ta' aċċess, it-titjib tal-kwalità tat-tagħlim u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-opportunitajiet jilħqu lill-istudenti kollha, kemm ġeografikament kif ukoll soċjalment.

Id-Direttorat jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja permezz tal-provvista ta' korsijiet f'diversi modi ta' tagħlim: wiċċ imb wiċċ, modulari, onlajn u bil-pass tiegħek. B'hekk niżguraw l-aċċessibilità għal firxa wiesgħa ta' studenti, inkluż dawk b'impenji ta' xogħol jew familja. L-istudenti jiġu appoġġjati permezz ta' servizzi ta' gwida u assessjar kontinwu li jippermettulhom jagħmlu għażliet infurmati u jżommu impenn sostnut tul il-vjaġġ tat-tagħlim tagħhom. It-tisħiħ tat-tagħlim fil-komunità jinsab ukoll fil-qalba tal-prinċipji tad-Direttorat. Permezz tal-kollaborazzjoni ma' ministeri oħra, istituzzjonijiet u partijiet interessati fi ħdan il-komunità, id-Direttorat ifittex li jagħmel l-opportunitajiet aktar aċċessibbli u relevanti għar-realtajiet lokali. Dawn l-inizjattivi jirriflettu l-impenn tad-Direttorat li jilħaq lill-istudenti fil-komunitajiet tagħhom u jindirizza bżonnijiet ta' tagħlim prattiku relatat mal-ħajja ta' kuljum.

Fl-aħħar nett, id-Direttorat għandu rwol kruċjali fit-trasformazzjoni tat-tagħlim f'opportunità billi jiżgura li l-persuni kollha li jgħixu f'Malta, irrispettivament mill-età, is-sess, in-nazzjonalità jew l-isfond soċjoekonomiku tagħhom, ikollhom aċċess għal diversi mogħdijiet ta' tagħlim u għall-appoġġ meħtieġ biex jiżviluppaw, jadattaw u jirnexxu kemm fil-ħajja personali kif ukoll f'dik professjonali.



# Message from the Directorate for Lifelong Learning and Employability

The Directorate for Lifelong Learning and Employability (DLE) forms part of the Department for Curriculum, Lifelong Learning and Employability within the Ministry responsible for Education. DLE's primary role is to create and expand learning opportunities for adults aged 15+ across Malta and Gozo, supporting personal growth, employability, and active participation in society. The Directorate envisions a society where lifelong learning is accessible to all, enabling individuals to continuously develop their skills, unlock new opportunities, and reach their full potential in a rapidly evolving world.

At the core of DLE's ethos is the belief that learning is a continuous and inclusive journey that extends beyond formal education. DLE recognises diverse learning pathways and life experiences, championing accessibility, flexibility, and equity. By responding to both individual aspirations and wider societal needs, the Directorate ensures that learning remains relevant, meaningful, and empowering.

The National Lifelong Learning Strategy 2023–2030 remains a constant guidance. Aligned with the National Education Strategy 2024–2030, DLE focuses on widening participation in adult learning, particularly among low-skilled and low-qualified adults. Emphasis is placed on diversifying access routes, enhancing learning quality, and ensuring that opportunities reach learners where they are, both geographically and socially.

DLE delivers lifelong learning opportunities through a range of flexible modes, including face-to-face, modular, online, and self-paced learning, ensuring accessibility for diverse learners, including those with work or family commitments. Learners are supported through guidance services and continuous assessment, enabling informed choices and sustained engagement throughout their learning journey. Strengthening Community Learning is also at the core of the Directorate's guiding principles. By collaborating with other ministries, institutions and community stakeholders, DLE aims at making opportunities more accessible and responsive to local realities. These initiatives reflect DLE's commitment to meeting learners within their communities and addressing practical, real-life learning needs.

Ultimately, DLE plays a pivotal role in transforming learning into opportunity, ensuring that all persons residing in Malta, regardless of age, gender, nationality, or socio-economic background, have access to learning pathways and the support needed to grow, adapt, and thrive in both their personal and professional lives.

# **Servizz ta' Gwida u Appoġġ**
## Minn Inċertezza għal Opportunità

Fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità, nifhmu li l-edukazzjoni hija mixja personali u waħda li tista' tibda fi kwalunkwe stadju tal-ħajja. Nifhmu wkoll li meta tiġi biex tieħu dak il-pass biex tkompli tistudja jew biex tibda xi karriera ġdida, jaf tħossok imħawwad u ma tafx minn fejn se tibda, speċjalment jekk tkun ilek barra mill-qasam edukattiv jew għax ma tkunx ċert. Huwa għalhekk li t-tim iddedikat tagħna ta' Gwida u Appoġġ ilu għal dawn l-aħħar ħames snin joffri s-servizz ta' appoġġ personalizzat madwar il-Gżejjer Maltin.

Dan is-Servizz ta' Gwida u Appoġġ jingħata mingħajr ħlas u huwa miftuħ għal kull min għandu 15-il sena jew aktar. Din il-gwida tingħata l-iktar lil dawk li qed jaħsbu biex jagħmlu xi bidla fil-karriera tagħhom, lil dawk li se jkomplu jew se jirritornaw lura għall-edukazzjoni, jew inkella lil dawk kollha li qed jesploraw opportunitajiet ġodda ta' tagħlim. Kemm jekk qed tipprepara biex tidħol fid-dinja tax-xogħol, jew qed tara li ttejjeb il-ħiliet tiegħek sabiex tavvanza fil-karriera, jew qed tikkunsidra bidla sħiħa fil-karriera, jew sempliċiment tħossok inċert dwar il-passi li jmiss fil-ħajja tiegħek aħna qegħdin hawn biex niggwidawk u nappoġġjawk. Ma jimpurtax jekk ilek snin ma tistudja jew m'intix ċert liema triq għandek tieħu. Aħna se ngħinuk tesplora l-għażliet tiegħek, tagħżel il-kors li jgħodd għalik u timxi 'l quddiem b'kunfidenza.

Aħna nibdew billi nsiru nafuk: naraw x'inhu l-isfond tiegħek, x'inhuma l-miri u x'impenji personali jew professjonali għandek. Flimkien, aħna nfasslu l-aħjar pjan ta' tagħlim xieraq għalik u dak li tista' tikseb abbażi tal-istil ta' ħajja li tgħix u l-ambizzjonijiet tiegħek. Aħna nifhmu li forsi trid tlaħħaq max-xogħol, mal-familja, jew ma' responsabilitajiet oħrajn u b'hekk se infasslu l-appoġġ tagħna skont il-bżonnijiet tiegħek. Aħna nipprovdu wkoll assistenza prattika fil-kitba tas-CV u fil-preparazzjoni ta' intervisti għal xogħol.

L-appoġġ tagħna ma jiqafx ladarba jkun hemm pjan fis-seħħ. Aħna se nkunu hemm għalik matul il-vjaġġ ta' tagħlim tiegħek biex inżommuk motivat, nagħmlu dawk l-aġġustamenti meħtieġa u naraw fiċ-ċert li tibqa' miexi fit-triq it-tajba. Is-servizz tagħna huwa intenzjonat biex nagħtuk dik is-setgħa sabiex tieħu dawk il-passi b'mod fiduċjuż għall-futur tiegħek. Huma x'inhuma l-għanijiet tiegħek, aħna qegħdin hawn biex ngħinuk tilħaqhom.

### Huwa faċli biex tilħaqna:

- Imla l-formola onlajn permezz tat-taqsima *Gwida Tul il-Ħajja* fuq is-sit elettroniku tagħna **www.lifelonglearning.gov.mt** jew billi tiskennja l-Kodiċi QR.
- Ibagħtilna email fuq guidance@lifelonglearning.edu.mt
- Ibagħtilna messaġġ fuq il-paġna soċjali tagħna ta' Facebook: Lifelong Learning Courses Malta & Gozo
- Ċemplilna fuq 153 (ext. 14)

Kull meta tikkuntattjana, jekk jogħġbok ipprovdi ismek, numru fejn nistgħu nilħquk u / jew indirizz elettroniku sabiex membru tat-tim tagħna jkun jista' jikkomunika miegħek.



# Guidance and Support Service
## From Uncertainty to Opportunity

At the Directorate for Lifelong Learning and Employability, we understand that education is a deeply personal journey and one that can begin at any stage in life. We also understand that taking the first step towards education or a new career can feel overwhelming, especially if you've been out of education for a long time or unsure where to begin. That's why our team of dedicated Guidance and Support Educators has been offering personalised support across the Maltese Islands for the past five years.

Our free Guidance and Support Service is open to anyone aged 15 and over who is thinking about a career change, continuing or returning to education, or exploring new learning opportunities. Whether you're preparing to enter the workforce, upskill for a promotion, considering a complete career change, or simply feeling uncertain about your next steps, we're here to guide and support you. No matter if it's been years since you last studied or you're unsure which path to take, we'll help you explore your options, choose the right course, and move forward with confidence.

We begin by getting to know you: your background, goals, and any personal or professional commitments. Together, we map out the most suitable and achievable learning pathway that fits your lifestyle and ambitions. We understand that you may be balancing work, family, or other responsibilities, so we tailor our support to suit your needs. We also provide practical assistance with CV writing and interview preparation.

Our support doesn't stop once a plan is in place. We offer regular follow-up and encouragement throughout your learning journey to keep you motivated, make necessary adjustments and ensure you stay on track. At its heart, our service is about empowering you to take confident steps towards your future. Whatever your goals, we're here to help you achieve them.

### Getting in touch is easy:

- Fill in the online form through the *Lifelong Guidance* section on our website **www.lifelonglearning.gov.mt** or by scanning the QR Code.
- Email us at guidance@lifelonglearning.edu.mt
- Message us via Facebook: Lifelong Learning Courses Malta & Gozo
- Call us on 153 (ext. 14)

In all cases, please provide your name, a contact number and/or email address so that a member of our team can get back to you.

# EPALE f'Malta
## Għaliex hija importanti għalik bħala student adult

L-EPALE hija l-komunità online tal-Unjoni Ewropea għat-tagħlim tal-adulti. Hija l-pjattaforma fejn edukaturi u organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa jaqsmu blogs, riżorsi u avvenimenti, jissieħbu fi gruppi ta' diskussjoni u jfittxu sħab biex itejbu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni tal-adulti. Għalkemm l-EPALE hija mfassla għall-professjonisti, hija ta' benefiċċju wkoll għall-istudenti billi tipprovdi korsijiet, materjali u opportunitajiet aħjar f'Malta.

F'Malta, id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità (DLE) iservi bħala s-Servizz Nazzjonali ta' Appoġġ (NSS) tal-EPALE. L-NSS jippromwovi l-EPALE lokalment permezz ta' tnedijiet, webinars, ambaxxaturi, kompetizzjonijiet għall-kontributuri u Premjijiet għall-Edukazzjoni tal-Adulti EPALE Malta li jgħinu biex jiżdied l-għarfien u jiġu ċċelebrati vjaġġi ta' tagħlim  li jispiraw — stejjer li spiss iwasslu lill-adulti biex jieħdu l-pass li jmiss fit-tagħlim.

Fl-2025, il-kontenut tal-EPALE minn Malta laħaq udjenzi kbar. Messaġġi fuq il-*Premjijiet EPALE Malta u l-Iskema ta' Finanzjament għal Opportunitajiet ta' Tagħlim Mhux Formali* attiraw eluf ta' nies li rawhom u dan għen lil aktar adulti jiskopru opportunitajiet  ta' tagħlim, korsijiet u appoġġ disponibbli.

### L-EPALE kif tappoġġa lill-edukaturi tal-adulti f'Malta?

L-EPALE tgħin lid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilità jilħaq aktar adulti u jwettaq l-Istrateġija għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (2023–2030) ta' Malta billi ssaħħaħ il-komunikazzjoni maħsuba għal gruppi partikolari, tippromwovi stejjer lokali u tipprovdi riżorsi lesti għall-użu. . Fil-prattika, l-NSS Malta twassal dan permezz ta' ambaxxaturi, webinars u kampanji ta' komunikazzjoni sabiex l-informazzjoni xierqa tasal fejn hija l-aktar meħtieġa.

L-EPALE tippromwovi komunità online, flimkien ma' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti mhux formali u mħallta. Iż-żewġ kompetizzjonijiet tal-kontributuri u l-filmati tat-testimonjanzi jgħinu wkoll biex iżidu l-għarfien dwar it-Tagħlim Tul il-Ħajja. Permezz ta' kollaborazzjoni fil-livell tal-UE, kontenut ivverifikat għall-kwalità, appoġġ multilingwi u avvenimenti ffukati fuq l-edukatur, l-EPALE tgħin lill-organizzazzjonijiet edukattivi f'Malta biex ikomplu jtejbu l-kwalità tal-korsijiet għall-adulti madwar Malta u Għawdex.

EPALE
Malta

epale.ec.europa.eu/en

Co-funded by the European Union

# EPALE in Malta
## Why it matters to you as an adult learner

EPALE is the European Union's online community for adult learning. It is where educators and organisations across Europe share blogs, resources, events, discussion groups and partner search to improve the quality and reach of adult education. Although EPALE is built for professionals, it benefits learners by bringing better courses, materials and opportunities to Malta.

In Malta, the Directorate for Lifelong Learning and Employability (DLE) serves as the EPALE National Support Service (NSS). The NSS promotes EPALE locally through launches, webinars, ambassadors, contributor contests and the EPALE Malta Adult Education Awards, helping raise awareness and celebrate inspiring learning journeys — stories that often lead adults to take the next step into learning.

In 2025, EPALE content from Malta reached large audiences. Posts on the *EPALE Malta Awards and the Non-Formal Learning Opportunities Funding Scheme* attracted thousands of views, helping more adults discover real opportunities, courses and support.

### How does EPALE support adult educators in Malta?

EPALE helps the Directorate for Lifelong Learning and Employability reach more adults and fulfill Malta's Lifelong Learning Strategy (2023–2030), by powering targeted outreach, local stories and ready-to-share resources; in practice, NSS Malta delivers this through ambassadors, webinars and content campaigns so the right information lands where it's needed most.

EPALE promotes an online community, and the promotion of non-formal and blended adult learning options. The two contributor contests and testimonial videos also help make Lifelong Learning visible. Through EU-level collaboration, quality-checked content, multilingual support and educator-focused events, EPALE equips Malta's providers to keep raising course quality for adults across Malta and Gozo.

EPALE
Malta

epale.ec.europa.eu/en

Co-funded by
the European Union

# Tagħrif Ġenerali




Id-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, qed joffri varjetà ta' korsijiet minn Ottubru 2026 sa Mejju 2027. Uħud minn dawn il-korsijiet se jsiru filgħodu u oħrajn filgħaxija; numru minnhom se jkunu onlajn u oħrajn fi klassi, filwaqt li hemm ukoll xi korsijiet li jippermettu lill-istudenti adulti biex jitgħallmu fil-ħin konvenjenti għalihom. Dan il-prospett jippreżenta informazzjoni utli dwar dawn il-korsijiet li qed jiġu offruti.

L-informazzjoni dwar dawn il-korsijiet tinsab ukoll fuq is-sit elettroniku: **www.lifelonglearning.gov.mt**

## Il-proċedura tal-applikazzjoni

L-applikazzjonijiet huma miftuħa bejn l-1 u l-31 ta' Lulju 2026. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi onlajn jew personalment.

### Istruzzjonijiet dwar kif tapplika:

**Onlajn**

• Żur is-sit: www.lifelonglearning.gov.mt

• Agħfas fuq il-kategorija ta' korsijiet.

• Agħżel il-kors mixtieq.

• Agħfas fuq 'Overview' biex tikseb l-informazzjoni dwar il-kors.

• Agħfas fuq 'Apply'.

• Dawk il-persuni li diġà huma rreġistrati mad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilita' għandhom profil mal-Microsoft (isem.kunjom@lifelonglearning.edu.mt), jipproċedu għall-paġna tal-login u jagħżlu 'Lifelong Learning Email'.

Dawk il-persuni li huma rreġistrati permezz ta' indirizz elettroniku personali huma ġentilment mitluba li jmorru fil-paġna tal-login u jagħżlu 'Personal Email'.

Dawk il-persuni li għadhom mhumiex irreġistrati jridu jagħfsu l-ħolqa 'Account Sign-up Page' sabiex jirreġistraw bil-kredenzjali tagħhom tal-e-ID. B'dan il-mod jiġi żgurat li l-profil ikun awtentiku. Malli jimlew l-informazzjoni meħtieġa biex joħolqu profil, dawn jistgħu japplikaw għal kors.

• Agħfas fuq 'Complete' u 'Confirm'.

• Ħallas il-miżata tal-kors (jekk applikabbli) billi tuża karta ta' debitu jew karta ta' kreditu.*

• Irrepeti l-istruzzjonijiet kollha għal kull kors li tixtieq tapplika għalih.

**Nota:**

*Meta jiġu sottomessi l-applikazzjoni u l-ħlas, l-istudenti jirċievu imejl awtomatika li tikkonferma l-applikazzjoni u l-ħlas. Din l-imejl, sakemm l-uffiċċju tad-Direttorat ma jikkomunikax mod ieħor, għandha tiġi ttrattata bħala l-ittra ta' konferma biex tattendi l-kors u għandha tiġi ppreżentata lill-edukatur fl-ewwel ġurnata tal-kors.

Dawk l-istudenti li ma jirċevux din l-imejl għandhom iċemplu 153 ext.14 jew jibagħtu imejl lil servizz@gov.mt minħabba li f'dal-każ l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx ġiet sottomessa.

**Applikazzjoni b'Mod Personali**

L-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu personalment fiċ-Ċentri tas-Servizz.gov u fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali. Applikazzjonijiet mibgħuta bil-posta jew permezz tat-telefon mhux se jiġu aċċettati. Iċ-ċentri tas-Servizz.gov jaċċettaw ħlas kemm permezz ta' karta ta' kreditu/debitu kif ukoll flus kontanti, filwaqt li l-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali jaċċettaw biss ħlasijiet b'karta ta' kreditu/debitu. Ċekkijiet mhumiex se jiġu aċċettati.



## Drittijiet tar-reġistrazzjoni

Ġentilment aqra t-termini u l-kundizzjonijiet li ġejjin bir-reqqa:

- Il-ħlas tar-reġistrazzjoni (fejn applikabbli) huwa indikat għal kull kors fit-tabella 'Overview' fl-applikazjoni.

- Klassi tiftaħ biss jekk in-numru minimu ta' għaxar (10) studenti jintlaħaq fir-reġistrazzjoni għal dak il-kors. Id-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabilità iżomm id-dritt li jbiddel dan in-numru minimu ta' applikanti abbażi tal-importanza tal-kors.

- Dawk il-klassijiet li jispiċċaw b'numru żgħir ta' studenti matul is-sena jistgħu jingħalqu u l-istess studenti għandhom jiġu offruti l-opportunità li jissieħbu ma' klassi oħra sabiex jiġi assigurat li qed jingħata servizz sostenibbli.

- L-applikanti jiġu rreġistrati skont id-data u l-ħin li l-applikazzjoni tkun saret onlajn. L-applikanti li japplikaw u jħallsu onlajn jiżguraw reġistrazzjoni immedjata.

- L-applikanti se jingħataw żewġ opportunitajiet biex iħallsu f'24 siegħa kull darba, sabiex jiffinalizzaw il-ħlas tagħhom. Jekk dan ma jintlaħaqx fil-ħin stipulat, l-applikazzjoni taqa' u l-applikant jitlef postu fil-klassi. Dawk l-applikanti li għal xi raġuni jesperjenzaw diffikultajiet biex iħallsu fiż-żmien huma mħeġġa biex jikkuntattjaw lil: lifelonglearning@gov.mt

- Dawk l-individwi li japplikaw f'isem persuna oħra għandhom idaħħlu d-dettalji tal-individwu li se jagħmel il-kors, u mhux tagħhom, matul il-proċess kollu tal-applikazzjoni għaliex studenti b'isem ħaddieħor ma jiġux aċċettati fil-klassi.

- Persuni barranin li mhumiex uffiċjalment reġistrati bħala residenti f'Malta mhumiex eliġibbli biex japplikaw għal xi kors. Ċittadini barranin li japplikaw għal kors għandhom jippreżentaw id-dokumenti li jikkonfermaw li huma uffiċjalment residenti f'Malta skont il-liġi nazzjonali jew dik tal-Unjoni Ewropea. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jitolbu awtorizzazzjoni biex jibqgħu f'Malta għaliex ikunu applikaw jew qed isegwu xi kors offrut mid-Direttorat.

# Ħlas tal-korsijiet

Il-korsijiet kollha huma miftuħa għaċ-ċittadini u r-residenti kollha f'Malta u Għawdex.
L-applikanti għandhom iħallsu l-pagamenti segwenti:

| | |
|---|---|
| Korsijiet fil-ħiliet bażiċi: il-Malti, il-Malti bħala Lingwa Barranija, l-Ingliż, l-Ingliż bħala Lingwa Barranija u l-Matematika fil-Livell Introduttorju; Il-Lingwa tas-Sinjali; Ħiliet Diġitali; Ibbaġitjar Personali; Ħiliet għall-Ġenituri | **Eżenti** |
| Korsijiet Ġenerali: sa 100 siegħa, inklużi korsijiet sa Livell SEC / MQF 3 / VET 3 | **€34.94** |
| Korsijiet mhux Sinkroniċi: sa Livell MQF 3 / VET 3 / Livell 3 | **€34.94** |
| Korsijiet Speċjalizzati: sa 100 siegħa, inklużi korsijiet ta' Livell Intermedju u ta' Livell Avvanzat, u suġġetti marbuta mat-Teknoloġija Informatika | **€46.59** |
| Korsijiet ta' Filgħodu: korsijiet li jsiru fiċ-Ċentru għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fl-Imsida mit-Tnejn sal-Ġimgħa | **€11.65** |
| Korsijiet sa massimu ta' 42 siegħa: korsijiet li ma jaqgħu taħt ebda kategorija indikata hawn fuq | **€18.63** |

# Baġit għall-apparat u l-materjal

L-istudenti għandhom jippjanaw baġit għall-apparat u l-materjal li se jużaw matul il-kors kollu. L-għodod u l-materjal kollu li jinxtraw, kif ukoll l-oġġetti kollha maħduma matul il-kors, jibqgħu proprjetà tal-istudent matul il-kors u wara li jitlesta. Il-baġit meħtieġ għal kull kors huwa indikat hawn taħt, iżda dan jista' jvarja skont jekk il-parteċipanti għandhomx diġà kotba, apparat jew materjal meħtieġ, u skont il-kwantità u l-kwalità tal-oġġetti li jagħżlu.

| Subject | Level | Approximate Cost (€) |
|---|---|---|
| Basic Digital Photography | MQF1 | 525 |
| Basics of Gardening | Level 1 | 60 |
| Beading Techniques | MQF1, Level 2 | 75 |
| Cake Masters: Introduction to Cake Decoration | Introductory A | 125 |
| Cake Masters: Improve your Cake Decoration Techniques | Introductory B | 200 |
| Creative Knitting | MQF1 | 70 |
| Creative Knitting | Open Class | 95 |
| Crochet | MQF1 | 55 |
| Crochet | Open Class | 60 |
| Curtain Making and Soft Furnishings | MQF1, Open Class | 60 |
| Embroidery | MQF1 | 40 |
| Embroidery | MQF2, Open Class | 50 |
| Flower Arranging | MQF1 | 450 |
| Food Matters | Introductory A and B | 250 |
| Fretwork | Level 1 | 50 |
| Ganutell | MQF1, MQF2, Open Class | 130 |
| Gilding | Level 1, Open Class | 100 |
| Gold Embroidery | MQF1, MQF2 | 45 |
| Interior Design | MQF1 | 30 |
| Interior Design | Open Class | 80 |
| Languages | SEC, Intermediate, Advanced | 40 |
| Macramé | MQF1, Open Class | 75 |
| Maltese Bobbin Lace | MQF1 | 130 |
| Maltese Bobbin Lace | MQF2 | 40 |
| Maltese Bobbin Lace | Open Class | 50 |
| Maths | Introductory, MQF1, MQF2, SEC | 25 |
| Mechanical Clock Repair | Open Class | 475 |
| Mosaic | Level 1, Open Class | 30 |
| Patchwork | MQF1, Open Class | 275 |
| Pottery and Ceramics | MQF2, MQF3, Open Class | 100 |
| Sewing Basics | MQF1 | 150 |
| Weaving | Level 1 | 50 |
| All courses other than those listed above | All levels | 15 |

## Eżenzjoni mill-ħlas tal-korsijiet

### Il-persuni li ġejjin huma eżentati mill-ħlas:

• L-anzjani minn sittin (60) sena 'l fuq jirċievu kors wieħed b'xejn għal kull sena ta' tagħlim. Għalhekk huma eżentati milli jħallsu għall-ewwel kors tagħhom, iżda jridu jħallsu l-miżati tal-korsijiet l-oħra kollha li japplikaw għalihom matul is-sena ta' tagħlim 2026-2027. L-ewwel kors jirreferi għall-ewwel kors li l-anzjani jkunu aċċettati għalih, irrispettivament jekk jattendux jew le.

• Persuni li jirċievu benefiċċji soċjali jew għandhom il-Karta ta' Diżabilità Ewropea, jistgħu jitolbu eżenzjoni mill-miżati tal-kors billi jissottomettu d-dokumenti uffiċjali minn istituzzjonijiet relevanti (l-Uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali, CRPD, eċċ.) meta japplikaw. Din l-eżenzjoni għandha tinkiseb qabel ma jibda l-kors iżda jekk l-eżenzjoni tasal wara li jsir il-ħlas, l-applikant huwa intitolat għal rifużjoni.

## Rifużjoni tal-miżati tal-kors

Għandek dritt tirtira minn kors u tieħu rifużjoni tal-miżata li ħallast billi tinfurmana fi żmien erbatax-il jum mid-data li ħallast. Wara dan il-perjodu, il-ħlas lura tal-miżata jingħata biss f'każ ta' tibdil li jkun sar mid-Direttorat.

Jekk kors jiġi mwaqqaf mid-Direttorat, l-applikanti jingħataw lura l-ħlas kollu li jkun sar. Mhux se tingħata rifużjoni jekk l-applikanti nfushom jiddeċiedu li jieqfu mill-kors, irrispettivament jekk il-kors ikunx diġà beda jew le.

### Barra minn hekk, l-applikanti huma avżati li:

L-istudenti jistgħu jitolbu trasferiment għal kors simili f'livell differenti fi żmien erbatax (14)-il jum mill-bidu tal-kors, soġġett għad-disponibilità. Jekk ma jkunx hemm kors addattat disponibbli għat-trasferiment, l-istudenti ma jkollhom dritt għall-ebda rifużjoni.

L-istudenti ma jistgħux jirreġistraw għall-istess suġġett f'żewġ livelli differenti fl-istess ħin. Jekk studenti jagħmlu dan, ma jkunux eliġibbli għal ebda rifużjoni.

L-istudenti jistgħu jattendu kors wieħed biss tal-istess suġġett u tal-istess livell. Jekk studenti jagħmlu dan, ma jkunux eliġibbli għal rifużjoni.

**Nota:**

Jekk l-istudenti m'humiex ċerti dwar il-livell tal-kors addattat għalihom jew liema kors jaqbel l-aktar mal-bżonnijiet tagħhom, għandhom jikkuntattjaw lis-Servizz ta' Gwida u Apoġġ fuq guidance@lifelonglearning.edu.mt biex jingħataw rakkomandazzjonijiet li jgħoddu għalihom. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mingħajr ma jintuża dan is-servizz tista' taffettwa l-eliġibiltà għal rifużjonijiet jew trasferimenti

## L-età minima għar-reġistrazzjoni

L-applikanti jrid ikollhom ħmistax-il (15) sena jew aktar sal-31 ta' Diċembru 2026. L-applikanti ta' ħmistax-il sena jistgħu jattendu l-kors biss bil-permess tal-ġenitur/kustodju legali tagħhom. Il-ġenitur/kustodju legali jridu jniżżlu l-formola tal-kunsens mis-sit: lifelonglearning.gov.mt (ara t-taqsima 'Prirekwiżiti u Riżorsi' taħt 'Informazzjoni u Mistoqsijiet Komuni'). Il-formola trid timtela u tiġi ffirmata mill-ġenitur/kustodju legali u trid tiġi ppreżentata lill-edukatur tal-klassi fl-ewwel jum tal-kors. Dawk l-applikanti li ma jkollhomx il-formola tal-kunsens iffirmata ma jistgħux jattendu l-kors. It-trasport tal-istudenti ta' ħmistax-il sena, lejn u lura mill-post tal-kors, huwa fir-responsabilità tal-ġenitur/kustodju legali tal-minuri.

**Nota importanti:**

L-applikazzjoni għall-kors għandu jkun fiha d-dettalji tal-istudent/a u mhux tal-ġenitur/kustodju legali.

## Il-kalendarju

Il-biċċa l-kbira tal-korsijiet jibdew fil-bidu ta' Ottubru 2026 u jispiċċaw lejn l-aħħar ta' Mejju 2027. Xi korsijiet huma twal 5 jew 8 ġimgħat waqt li oħrajn huma 14-il ġimgħa. Aktar dettalji rigward korsijiet speċifiċi huma indikati fl-iskedi ta' dan il-prospett u fuq l-applikazzjoni onlajn. Ma jsirux lezzjonijiet f'dawn il-festi pubbliċi:

| | |
|---|---|
| 2 - 4 ta' Novembru 2026 | 19 ta' Marzu 2027 |
| 8 ta' Diċembru 2026 | 24 - 31 ta' Marzu 2027 |
| 23 ta' Diċembru 2026 - 6 ta' Jannar 2027 | 1 ta' Mejju 2027 |
| 8 - 10 ta' Frar 2027 | |

Minħabba li ċ-Ċentri għat-Tagħlim tal-Adulti huma ospitati fi ħdan l-iskejjel tal-Istat, il-lezzjonijiet jistgħu jiġu posposti jekk l-iskola jkollha attività li ssir wara l-ħin normali tal-iskola jew jekk l-iskola tkun magħluqa minħabba xi raġuni partikolari. L-istudenti jiġu infurmati b'dan minn qabel.

# Struttura tal-korsijiet, l-assessjar u l-linji gwida għall-parteċipazzjoni

## Il-livelli, iċ-ċertifikati u l-kwalifiki tal-korsijiet

Huwa importanti li l-istudenti jagħżlu l-korsijiet u l-livelli xierqa skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom. Ir-rekwiżiti tad-dħul huma elenkati fil-'Programme Overview' aċċessibbli fuq is-sit lifelonglearning.gov.mt

Dawk l-applikanti li mhumiex ċerti mil-livell tagħhom għandhom jikkuntattjaw lit-tim ta' Gwida u Appoġġ.

Xi korsijiet għandhom rekwiżiti għad-dħul. Waqt ir-reġistrazzjoni, l-istudenti għandhom itellgħu kopja taċ-ċertifikati li juru li dawn ir-rekwiżiti huma milħuqa.

Meta japplikaw għall-korsijiet ta' xi lingwi, matematika u l-accounting, l-applikanti huma meħtieġa li jpoġġu għal Level Check li jiddetermina l-livell tagħhom fil-lingwa. L-applikanti jirċievu imejl bid-dettalji ta' dan il-Level Check. L-istudenti mhux se jkunu aċċettati fil-klassi jekk ma jkunux lestew dan il-Level Check. Dawk l-istudenti li jkunu kisbu riżultat li jindika li l-livell tagħhom huwa differenti minn dak tal-kumplament tal-istudenti tal-kors, se jiġu kkuntattjati mit-tim ta' Gwida u Appoġġ. L-istudenti li diġà għandhom kwalifika fl-istess suġġett u li jixtiequ jkunu eżenti minn dan il-Level Check, iridu jtellgħu prova tal-kwalifika huma u japplikaw għall-kors.

Ladarba l-kors ikun beda, dawk l-istudenti li jħossu li l-kors mhux fil-livell xieraq għalihom għandhom ikellmu lill-edukatur tagħhom minnufih. Persuni mid-Direttorat, inklużi l-edukaturi u l-koordinaturi, jistgħu wkoll jindunaw b'persuni li qegħdin jitgħallmu f'livell mhux addattat u li jeħtieġu jkunu f'livell aktar bażiku jew ogħla, jew anki f'kors differenti. F'dal-każijiet, dawn l-istudenti jkunu ggwidati biex jibdew jattendu kors jew livell xieraq. L-istudenti li jkunu diġà temmew livell partikolari huma mħeġġa biex japplikaw għal kors ta' livell ogħla fl-istess suġġett.

